**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Jannar, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 688/2018 AF**

**Nutar Dottor John Cachia Zammit u martu Daniela Cachia Zammit ghal kull interess li jista' jkollha**

**u**

**Kathryn Gambin u zewgha n-Nutar Dottor John Gambin ghal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**L-Awtorità tal-Artijiet**

**u**

**Il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

B'kuntratti tad-9 ta' April 1869 fl-atti tan-Nutar Dottor Vincenzo Paolo Frendo, **"Dokumenti A, B u C"** hawn annessi, parti mill-fondi **32, 33 u 34, Triq Rodolfu, Sliema, u talvolta kull fond iehor adjacenti fl-istess triq** inghataw in koncessjoni enfitewtika temporanja mill-Katidral ta' Malta ghal perjodu ta' 99 sena, liema terminu beda jiddekorri mill-1 ta' Jannar 1869, u liema terminu gie prorogat b'kuntratt iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Pietro Xerri tal-4 ta' Lulju 1888 ghal perjodu iehor ta' hamsin sena, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **"Dokument D"**, sabiex eventwalment il-koncessjoni skadiet fil-31 ta' Dicembru 2017.

B'kuntratt tal-20 ta' Jannar 1914 fl-atti tan-Nutar Dottor Giovanni Gabarretta li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "**Dokument E**", John Francis Asphar ossia antenat tar-rikorrenti Nutar Dottor John Cachia Zammit u ohtu Kathryn Gambin u tal-predecessuri taghhom fit-titolu gie rikonoxxut bhala l-enfitewta temporanju mill-Katidral ta' Malta fir-rigward tal-proprjetà in kwistjoni, ossia il-fondi 32, 33 u 34, Triq Rodolfu, Sliema, u talvolta kull fond iehor adjacenti fl-istess triq.

It-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit miet fit-30 ta' Lulju 2014 waqt li martu Doris Cachia Zammit mietet fl-4 ta' Marzu 2016 u d-dikjarazzjonijiet *causa mortis* taghhom gew ippubblikati minn Nutar Gerard Spiteri Maempel fit-29 ta' Jannar 2015 u t-2 ta' Settembru 2016 rispettivament skond dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala "**Dokument F**" u **Dokument G**".

Ir-rikorrenti huma l-unici werrieta tat-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit u ta' Doris Cachia Zammit li minn naha taghhom akkwistaw l-utile dominju temporanju li jaggrava parti mill-istess fondi in parti permezz ta' kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Salvatore sive Sammy Abela tal-6 ta' Gunju 1974 li kopja

tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat bhala "**Dokument H**", u in parti tramite kuntratt iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Salvatore sive Sammy Abela tad-19 ta' April 1973 li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat bhala "**Dokument I"** u in parti mill-wirt tal-mejta Agnes Asphar, iz-zija materna tal-mejjet Tabib Alexander Cachia Zammit.

Dan ic-cens annwu u temporanju li jiggrava dawn l-fondi jew dawk il-partijiet relattivi tal-fondi jammonta ghal €0.59c jew somma ohra verjuri u llum jithallas lill-Awtorità tal-Artijiet gja l-Ufficcju Kongunt skond file numru T128/02, kif jirrizulta mill-ahhar ircevuta.

Kif digà inghad din il-koncessjoni enfitewtika temporanja skadiet fil-31 ta' Dicembru 2017.

Prezentement il-fondi huma okkupati minn cittadini Maltin u dan bhala r-residenzi ordinarji taghhom, u cioè l-intimati Andrew Cachia Zammit li jabita fil-fond 32, Triq Rodolfu Sliema, Jason Formosa li jabita fil-fond 33, Triq Rodolfu, Sliema, u William u Anne sive Anna konjugi Vella li jabitaw fil-fond 34, Triq Rodolfu, Sliema.

Ai termini tal-Artikolu 12(4) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta, r-rikorrenti ghandhom dritt jikkonvertu l-enfitewsi temporanja li skadiet fil-31 ta' Dicembru 2017 f'wahda perpetwa taht l-istess kundizzjonijiet ta' enfitewsi termporanja barra dawk li jkunu jirreferu ghaz-zmien u ghac-cens.

Ic-cens li jkollu jithallas b'effett mill-konverzjoni tal-enfitewsi temporanja f'wahda perpetwa, u cioè mill-1 ta' Jannar 2018, fuq parti mill-fondi msemmija, sakemm jghaddu hmistax-il sena minn dik id-data, jkun jammonta ghal sitt darbiet ic-cens annwu u temporanju li kien jithallas ezatt qabel dik il-konverzjoni, biex b'hekk ic-cens annwu u temporanju ta' €0.59c jew somma ohra verjuri jikkonverti ruhu f'wiehed ta' €3.54c fis-sena, u dan bhala cens annwu u perpetwu rivedibbli, li sussegwentement jawmenta kull hmistax-il sena mill-1 ta' Jannar 2018 b'daqstant mic-cens annwu u perpetwu revedibbli kurrenti li jkun ammont li qatt ma jeccedi dak ic-cens annwu u perpetwu prezentament imhallas li jirraprezenta bi proporzjon mieghu z-zieda fl-

inflazzjoni minn meta l-imsemmi cens annwu u perpetwu revedibbli jkun gie stabbilit l-ahhar.

Ir-rikorrenti ai termini tal-ligi ghandhom dritt jikkonvertu l-koncessjoni enfitewtika temporanja f'wahda perpetwa revedibbli darba kull hmistax-il sena skond l-gholi tal-hajja.

L-enfitewti rikorrenti ezercitaw id-dritt taghhom biex jikkonvertu l-koncessjoni enfitewtika temporanja f'wahda perpetwa ai termini tal-Ligi, liema dritt huma ezercitawh permezz ta' ittra ufficjali tal-20 ta' Gunju 2018 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "**Dokument J**", liema l-ittra ufficjali saret kif stabbilit fil-ligi fi zmien sitt xhur mill-iskadenza tal-koncessjoni enfitewtika temporanja ai termini ta' l-Artikolu 12(4) tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta.

Konsegwentement dan ic-cens annwu u temporanju llum sar cens annwu u cens annwu u perpetwu revedibbli bir-rata ta' €3.54c jew somma ohra verjuri stante li qabel tali skadenza r-rikorrenti kienu qed jhallsu lill-Awtorità ta' l-Artijiet cens annwu u temporanju ta' €0.59c jew somma ohra verjuri.

Dan ic-cens annwu u perpetwu ta' €3.54c jew somma ohra verjuri jirrivedi ruhu darba kull 15 il-sena skond l-oghli tal-hajja u jista' jinfeda fi zmien l-ewwel sena ta' tali revizjoni.

Permezz tal-ittra ufficjali surreferita Dokument J ir-rikorrenti interpellaw lill-intimati sabiex jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-att notarili relattiv ai termini ta' l-Artikolu 12(6) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex huma jikkonvertu c-cens annwu u temporanju f'wiehed perpetwu fuq il-fondi 32, 33 u 34, Triq Rodolfu, Sliema, u talvolta kull fond iehor adjacenti fl-istess triq b'cens annwu u perpetwu ta' €3.54c jew somma ohra verjuri rivedibbli darba kull hmistax-il sena skond l-gholi tal-hajja ai termini tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta, però dawn baqghu inadempjenti.

Minkejja dan, u minkejja li gew notifikati ai termini tal-ligi, l-intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza sabiex jigi zgurat illi d-drittijiet tar-rikorrenti jigu kristallizzati

permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u sussegwentement permezz ta' att notarili.

Ai termini ta' l-Artikolu 12(6) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta r-rikorrenti huma l-enfitewti tal-fondi in kwistjoni b'hekk ghandhom id-dritt jitolbu lill-intimati biex jersqu ghall-att notarili relattiv fejn r-rikorrenti jigu moghtija d-dritt *ex lege* biex jikkonvertu c-cens annwu u temporanju fuq il-fondi hawn fuq msemmija ossia 32, 33 u 34, Triq Rodolfu, Sliema, u talvolta kull fond iehor adjacenti fl-istess triq b'koncessjoni enfitewtika perpetwa revedibbli darba kull hmistax-il sena skond ir-rata ta' inflazzjoni versu c-cens annwu u perpetwu rivedibbli ta' €3.54c jew somma ohra verjuri.

Intalbet din ill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti bhala enfitewti perpetwi tal-fondi hawn imsemmija u cioè 32, 33 u 34, Triq Rodolfu, Sliema, u talvolta kull fond iehor adjacenti fl-istess triq, ghandhom dritt jikkonvertu din il-koncessjoni enfitewtika temporanja f'wahda perpetwa revedibbli darba kull hmistax-il sena skond l-gholi tal-hajja ai termini tal-Artikolu 12(4) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta, versu cens annwu u perpetwu ta' €3.54c jew somma ohra verjuri revedibbli kull hmistax-il sena mill-1 ta' Jannar 2018 u dan skond ir-rata ta' inflazzjoni, liema zieda m'ghandha qatt tkun iktar mid-doppju ta' dak li jkun qed jithallas qabel tali awment.

2. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom biex jersqu ghall-publikazzjoni tal-att notarili relattiv fejn l-intimati jirrikonoxxu lir-rikorrenti bhala l-utilitsti perpetwa tal-fondi ossia 32, 33 u 34, Triq Rodolfu, Sliema, u talvolta kull fond iehor adjacenti fl-istess triq kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' €3.54c jew somma ohra verjuri revedibbli kull hmistax-il sena mill-1 ta' Jannar 2018 skond ir-rata tal-inflazzjoni.

3. Tinnomina Nutar Pubbliku biex jippublika l-att relattiv tal-koncessjoni enfitewtika perpetwa revedibbli a tenur tal-Kap.

158 tal-Ligijiet ta' Malta skond l-Artikoli 12(4,5,6) f'data, hin u lok kif stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti.

4. Tinnomina Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumacja tal-intimati fuq l-att relattiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali surreferita tal-20 ta' Gunju 2018, Dokument J, u bl-ingunzjoni tal-intimati minn issa in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati li permezz tagħha eċċepew illi:

In linea preliminari, l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artitjiet ghandu jinheles mill-harsien tal-gudizzju minnufih stante li hija l-Awtorità tal-Artijiet li skond il-ligi ghandha twiegeb ghal dawn it-talbiet u ghandha personalità guridika distinta [Vide Art. 6[1] tal-Kap. 563]. Il-fatt li l-Bord tal-Gvernaturi ghandu r-rapprezentanza legali f'isem l-Awtorità (Art. 6[2]) ma jfissirx li ghandu jkun dan il-Bord li jwiegeb ghat-talbiet.

Il-pretensjoni tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante huma qed jiccitaw a favur taghhom disposizzjonijiet tal-ligi li huma jafu ben tajjeb li gjà gew iddikjarati lesivi l-jedd fundamentali ghall-proprjetà privata skond l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar il-Jeddijiet Fundamentali tal-Bniedem. Ghalhekk isegwi li din il-Qorti ghandha tichad it-talbiet 'in toto' halli ma thallix li dan isehh.

In ogni caso u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent jridu japprovaw dak li huma qed isostnu fil-kawza taghhom u kif huma jikkwalifikaw a tenur tal-istess disposizzjonijiet tal-ligi.

Illum hemm l-Att Numru XXVII tas-sena 2018 li ser jirregola din il-materja u per konsegwenza meta tasal ghall-gudizzju taghha ghandha tapplika tali ligi [u dana ghalkemm meta giet imressqa din ir-risposta dik il-parti tal-Att kienet ghadha ma dahlitx fis-sehh].

It-talbiet kollha hekk kif dedotti huma guridikament improponibbli stante li huma msejsa fuq il-ligi li fil-mument li din l-Onorabbli Qorti tghaddi ghall-gudizzju taghha dawn ser ikunu aboliti u l-posizzjoni tar-rikorrenti ser tkun irregolata permezz tal-Att suindikat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti tordna lill-intimati jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att notarili relattiv sabiex jirrikonoxxu lill-istess rikorrenti bħala l-utilisti tal-konċessjoni perpetwa ta' parti mill-proprjetajiet 32, 33 u 34 Triq Rudolfu, Sliema u talvolta kull fond ieħor adjaċenti u dan a tenur tal-provvedimenti tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti jirriżulta li missier ir-rikorrenti Nutar Dottor John Cachia Zammit u oħtu Kathryn Gambin u ċioè t-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit kien rikonoxxut bħala l-utilist tal-konċessjoni enfitewtika temporanja ta' parti diviża minn tlett porzjonijiet art ossia parti mill-ġnien ta' kull dar, 32, 33 u 34, Triq Rudolfu, Sliema, li fuqhom kien jitħallas iċ-ċens annwu u temporanju komplessiv ta' Lm0.36.7, ekwivalenti llum għal madwar €0.85, lill-Uffiċju Konġunt. Din il-konċessjoni skadiet fil-31 ta' Diċembru 2017.

Il-padrun dirett hija l-intimata Awtorità tal-Artijiet u dan peress li d-dirett dominju tal-proprjetà għadda għand il-Gvern ta' Malta bis-saħħa tal-ftehim li kien sar bejn il-Gvern u s-Santa Sede u ċioè l-Att IV tal-1992. Dawn il-proprjetajiet huma amministrati mill-Uffiċju Konġunt.

Minn l-uniċi żewġ atti leġibbli fl-atti tal-kawża, u ċioè d-dikjarazzoni *causa mortis* tat-Tabib Cachia Zammit u dik ta' martu Dolores sive Doris Cachia Zammit, jirriżulta li din il-konċessjoni tolqot porzjon diviża ta' ċirka 73 metru kwadru mid-dar bin-numru 34, porzjon diviża ta' ċirka 32 metru kwadru mid-dar bin-nurmu 33 u porzjon diviża ta' ċirka 26 metru kwadru mid-dar bin-numru 32. Għalkemm f'dawn l-atti ġie dikjarat illi ċ-ċens komplessiv kien ta' €0.59 fis-sena, kif diġà ntqal jirriżulta li skont ir-rekords tal-Uffiċju Konġunt iċ-ċens huwa aktar minn hekk.

Id-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikolu 12 tal-Kap. 158 jaqraw hekk:

> *"(4) Meta tagħlaq enfitewsi temporanja ta' dar ta' abitazzjoni okkupata minn ċittadin ta' Malta bħala r-residenza ordinarja tiegħu fi żmien dak l-egħluq, li ma tkunx enfitewsi msemmija fis-subartikolu (2)(a) jew (b), l-enfitewta jkollu l-jedd jikkonverti l-enfitewsi f'waħda perpetwa taħt l-istess kondizzjonijiet ta' enfitewsi temporanja barra minn dawk li jkunu jirreferu għaż-żmien u għaċ-ċens. Iċ-ċens li jkollu jitħallas b'effett mill-konversjoni tal-enfitewsi f'waħda perpetwa u sakemm jgħaddu ħmistax-il sena minn dik id-data jkun daqs sitt darbiet iċ-ċens li kien jitħallas minnufih qabel dik il-konversjoni, u wara dan għandu jiżdied kull ħmistax-il sena b'daqstant miċ-ċens kurrenti, li jkun ammont li ma jkunx iżjed minn dak iċ-ċens, li jirrappreżenta bi proporzjon miegħu ż-żieda fl-inflazzjoni minn meta l-imsemmi ċens ikun ġie stabbilit l-aħħar.*
>
> *(5) Jekk l-enfitewta ma jeżerċitax il-jedd mogħti lilu bis-subartikolu (4) fi żmien sitt xhur mid-data li dak il-jedd ikun eżerċitabbli, dak il-jedd għandu, bil-modifiki meħtieġa, jgħaddi għand min ikun qed jokkupa d-dar li jkollu jedd jitlob, bl-esklużjoni tal-enfitewta, li d-dar ta' abitazzjoni tingħata lilu mill-proprjetarju b'enfitewsi perpetwa taħt l-istess kondizzjonijiet li kienu jiġu applikati kieku l-enfitewta kien ikkonverta l-enfitewsif'waħda perpetwa.*
>
> *(6) Meta l-enfitewta jew min ikun qed jokkupa d-dar ikollu jedd jikkonverti enfitewsi temporanja f'waħda perpetwa taħt*

*is-subartikolu (4) jew (5), dan jista' jitlob li jsir kuntratt nutarili f'dan is-sens, u l-padrun dirett jew il-proprjetarju għandu jilqa' dik it-talba."*

Ir-rikorrenti interpellaw lill-intimati sabiex jersqu għall-kuntratt relattiv skont l-artikolu 12(4) tal-Kap. 158 permezz ta' ittra uffiċjali tal-20 ta' Ġunju 2018 iżda l-intimati baqgħu inadempjenti.

In linea preliminari, l-intimati jeċċepixxu li l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju stante li hija l-Awtorità tal-Artijiet li għandha twieġeb għat-talbiet attriċi a tenur tal-artikolu 6(1) tal-Kap. 563 filwaqt li skont l-artikolu 6(2) il-Bord tal-Gvernaturi għandu biss ir-rappreżentanza legali f'isem l-Awtorità.

F'din l-eċċezzjoni l-intimati għandhom raġun. Filwaqt illi huwa minnu li skont it-tieni sub inċiż tal-artikolu 6 tal-Kap. 563, ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Awtorità għandha tkun vestita fil-Bord, ladarba l-ewwel sub inċiż jgħid ċar u tond li '*l-Awtorità għandha tkun korp li jkollu personalità ġuridika distinta u tkun tista', bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tagħmel kuntratti, takkwista, iżżomm u tiddisponi minn kull xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha, tħarrek u tiġi mħarrka, u tagħmel dak kollu u tidħol fit-transazzjonijiet kollha li jkunu inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, inkluż is-self ta' flus*', il-Bord intimat ġie mħarrek inutilment f'dawn il-proċeduri.

L-intimati imbagħad jeċċepixxu li d-disposizzjonijiet tal-liġi li r-rikorrenti qegħdin jinvokaw favur tagħhom ġew dikjarati li huma leżivi tad-dritt fundamentali għall-proprjetà mill-Qorti Kostituzzjonali. Skont l-intimati, il-Qorti hija allura prekluża milli tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

Il-Qorti ma tistax ma tistaghibx bl-ironija ta' din l-eccezzjoni. L-istat, li ghandu l-jedd u l-obbligu jillegisla biex ixejjen mil-ligijiet dak li hu leziv ghal jeddijiet fondamentali qieghed huwa stess jinqeda b'sentenzi ta' dawn il-Qrati li tul is-snin ddikjaraw lilu stess mankanti.

L-istess awtoritajiet li jilqghu ghad-diversi kawzi kostituzzjonali fil-konfront taghhom bic-cahda kontinwa li l-istess ligi hija leziva, illum b'wicchom minn quddiem jirrifjutaw li japplikawha ghaliex jammettu li leziva tad-drittijiet fondamentali.

Din il-Qorti tinnota l-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati li permezz taghha gie kostantement meqjus illi dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' jedd kostituzzjonali f'ligi tal-pajjiz tghodd biss ghall-partijiet f'dik il-kawza.

Madanakollu din il-Qorti hija tal-fehma illi ma tistax tinjora u tiskarta il-pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kuntest tal-fuq citat Art. 12 (4) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tissenajala partikolarment s-sentenza pronunzjata fis-7 ta' Dicembru 2009 fejn il-Qorti ddecidiet billi:

> *"(1) tiddikjara li l-applikazzjoni tal-artikolu 12(4), (5), u (6) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-proprjetà msemmija fl-istess rikors promotorju tilledi d-dritt fondamentali tar-rikorrenti appellanti (u illum ta' Raymond Bugeja) ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha (tieghu) kif protett bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea."*

Ma waqfitx hemm il-Qorti Kostituzzjonali. Is-sentenza fuq citata ddecidiet oltre. Kompliet billi ddikjarat:

> *"(2) tiddikjara li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet Mary Vella et v. Josephine Bugeja et (citaz 432/86 JSP) hija, b'effett mil-lum, minghajr effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u ghalhekk mhux ezegwibbli."*

Is-sentenza Mary Vella et vs Josephine Bugeja kienet precizament is-sentenza b'talba identika ghal dik tar-rikorrenti odjerni. Kienet ordnat lil Josephine Bugeja tersaq ghall-publikazzjoni tal-att ta' konversjoni tat-titolu ta' enfitewsi f'wiehed perpetwu.

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi kieku kellha tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti, il-Qorti tkun qeghda tippermetti lilha nnifisha tigi strumentalizzata biex tigi perpetwata illegalità. Ic-censura li tigi diretta lejn l-istat meta jagixxi in forza ta' ligi li tikser il-kostituzzjoni ghandha logikament tghodd ukoll meta l-istat ikun ser jissokkombi l-effetti ta' tali ligi. Ghalkemm pjenament tort tal-istess stat, is-sitwazzjoni ma tinbidilx. Ligi dikjarata leziva tibqa' hekk leziva. Is-sentenza citata mill-intimati fil-kawza ta' Pauline Busuttil (30 ta' Jannar 2020) mhijiex meqjusa li tghin l-argument tar-rikorrenti stante li l-ammissjoni fiha kienet tirrigwarda biss il-kap tal-ispejjez u din waslet wara ftehim milqugh, kif il-Qorti tawgura li jsir hawnhekk.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni u tillibera lill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' t-tieni eccezzjoni u b'hekk tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jithallsu kollha mill-Awtorità tal-Artijiet.

IMHALLEF

DEP/REG